C/2026/4335

6.8.2026

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-8 ta' Diċembru 2025

li jiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE

(Każ M.11753 — MARS / KELLANOVA)

(notifikat skont id-dokument bin-numru C(2025)8385)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4335)

Fit-8 ta' Diċembru 2025 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [1]*, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni shiha tinsab bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: https://competition-cases.ec.europa.eu/search.*

1. **IL-PARTIJIET**

(1) Mars, Incorporated ("Mars") bil-kwartieri ġenerali tagħha f'McLean, l-Istati Uniti, hija proprjetà ta' familja, fornitur ta' ħlewwiet, prodotti tal-ikel, ikel għall-annimali domestiċi u servizzi tal-kura tal-annimali. Mars topera n-negozju tagħha fi tliet segmenti ewlenin: (i) Ikliet ħfief; (ii) Ikel & Nutrizzjoni; u (iii) Kura tal-annimali domestiċi.

(2) Kellanova (li qabel kienet Kellogg Company), bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Chicago, l-Istati Uniti, timmanifattura u tikkummerċjalizza prinċipalment ikliet ħfief u ikel ta' konvenjenza. Kellanova topera n-negozju tagħha f'erba' diviżjonijiet: (i) Ikliet ħfief; (ii) Ċereali lesti biex jittieklu ("RTEC", Ready-to-eat cereal); (iii) Prodotti ffriżati; u (iv) Taljarini u Oħrajn. Fiż-żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE"), Kellanova tiġġenera bejgħ biss permezz tal-qasam tal-ikliet ħfief u l-qasam tar-RTEC tagħha.

2. **L-OPERAT**

(3) Fis-16 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Mars beħsiebha takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Kellanova permezz tax-xiri ta' ishma (it-"Tranżazzjoni"). Minn hawn 'il quddiem, Mars u Kellanova jissejħu l-"Partijiet". L-entità li tirriżulta mit-Tranżazzjoni minn hawn 'il quddiem tissejjaħ l-"Entità Fuża".

(4) It-Tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-Unjoni peress li ntlaħqu l-limiti ta' fatturat stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(5) B'deċiżjoni bid-data tal-25 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni qajmet dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u bdiet proċedimenti tal-Fażi II skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(6) Fit-18 ta' Novembru 2025, saret konsultazzjoni mal-Istati Membri dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konċentrazzjonijiet, li tat opinjoni favorevoli. L-Uffiċjal tas-Seduta ta l-opinjoni favorevoli tiegħu dwar il-proċedimenti fir-rapport tiegħu li ġie ppreżentat fis-27 ta' Novembru 2025.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

3. **SOMMARJU**

(7) L-investigazzjoni tas-suq fil-Fażi II żvelat li t-Tranżazzjoni ma kinitx se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjonioni effettiva fis-suq intern jew xi parti sostanzjali minnha.

(8) Għalhekk, it-Tranżazzjoni hija ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE u għalhekk, fit-8 ta' Diċembru 2025 ġiet adottata deċiżjoni dwar l-approvazzjoni skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

4. **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

4.1. **Is-swieq tal-prodotti rilevanti**

(9) L-attivitajiet tal-Partijiet jinkludu firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' prodotti, b'diversi marki u prodotti f'segmenti differenti li qabel kienu vvalutati mill-Kummissjoni, bħal ħlewwiet taċ-ċikkulata, gomma, u ikel għall-annimali domestiċi għal Mars kif ukoll ċereali u ikliet ħfief għal Kellanova.

(10) F'termini tas-swieq u s-segmenti tal-prodotti rilevanti, l-offerta tal-Partijiet tista' tiġi segmentata (i) abbażi tal-kanal tal-bejgħ, (ii) skont it-tip ta' prodotti, u (iii) bejn prodotti b'tikketta privata u prodotti tad-ditta.

(11) Wara l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-definizzjoni eżatta tas-suq tal-prodott tista' tibqa' miftuħa peress li t-Tranżazzjoni ma xxekkel bl-ebda mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, indipendentement minn kwalunkwe definizzjoni plawżibbli tas-suq. Għall-finijiet tal-analiżi kompetittiva, il-Kummissjoni vvalutat is-swieq tal-prodotti rilevanti li ġejjin:

(1) is-suq għall-kanal modern tal-bejgħ bl-imnut għal kull wieħed mill-prodotti msemmija sussegwentement;

(2) is-suq għall-produzzjoni u l-provvista ta' ħelu taċ-ċikkulata b'segmenti għal (i) bars taċ-ċikkulata, (ii) kwadranti taċ-ċikkulata, (iii) ċikkulatini, (iv) ikliet ħfief ħelwin taċ-ċikkulata (magħrufa wkoll bħala snacks jew pakketti żgħar taċ-ċikkulata), (v) speċjalitajiet taċ-ċikkulata u (vi) oġġetti staġjonali taċ-ċikkulata;

(3) is-suq tal-ikliet ħfief b'mod ġenerali kif ukoll speċifikament għal crisps ippakkjati f'tubi;

(4) is-suq għall-RTEC b'segmenti għal (i) prodotti RTEC minbarra muesli, (ii) muesli, (iii) prodotti RTEC fil-kategorija tas-"saħħa", (iv) prodotti RTEC għat-tfal u (v) prodotti RTEC għall-adulti/familja;

(5) suq għall-gomma/chewing gum b'mod ġenerali;

(6) swieq għaz-zlazi jaħarqu u z-zlazi kesħin;

(7) swieq għal ross lest biex jissaħħan u ross niexef;

(8) is-suq għall-ikel tal-qtates u tal-klieb, b'subsegmenti ta' ikel niexef, ikel imxarrab, u ikliet ħfief;

(9) suq għal snack bars b'segmenti għal (i) bars taċ-ċereali, (ii) bars tal-frott u tal-ġewż, u (iii) bars tal-proteini u tal-enerġija;

(10) swieq għal prodotti b'tikketta privata u prodotti tad-ditta fil-livell ta' bejgħ bl-ingrossa għall-prodotti rilevanti f'dan il-każ.

4.2. **Is-swieq ġeografiċi rilevanti**

(12) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kkonfermat li ma hemm l-ebda fattur li jitkellem kontra d-devjazzjoni mill-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni li tiddefinixxi s-swieq rilevanti bħala nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni. Għall-finijiet tal-analiżi kompetittiva, il-Kummissjoni vvalutat is-swieq tal-prodotti rilevanti fil-livell nazzjonali.

4.3. **Valutazzjoni kompetittiva**

4.3.1. *Introduzzjoni*

(13) It-Tranżazzjoni wasslet għal trikkib orizzontali u relazzjonijiet ta' konglomerat bejn l-attivitajiet tal-Partijiet. It-Tranżazzjoni ma wasslitx għal relazzjonijiet vertikali.

4.3.2. *Effetti orizzontali mhux koordinati*

(14) L-attivitajiet tal-Partijiet irriżultaw fi swieq affettwati orizzontalment fir-rigward ta' (i) bars taċ-ċereali esklużi prodotti b'tikketta privata fl-Irlanda; u (ii) bars tal-frott u tal-ġewż minbarra l-prodotti b'tikketta privata fi Spanja.

(15) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kkonfermat li t-Tranżazzjoni ma timpedixxix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fiż-ŻEE, jew f'xi parti sostanzjali minnha minħabba effetti orizzontali mhux koordinati fir-rigward tas-swieq u s-segmenti affettwati orizzontalment inkwistjoni. Dan huwa prinċipalment minħabba li l-ishma mis-suq ikkombinati tal-Partijiet huma relattivament moderati (inqas minn 30 %), il-Partijiet mhumiex f'konkorrenza stretta, jifdal għadd suffiċjenti ta' fornituri alternattivi għall-Entità Fuża wara t-Tranżazzjoni, u l-ebda klijent jew kompetitur ma qajjem tħassib sostanzjat iżda pjuttost ikkunsidra l-effetti tat-Tranżazzjoni bħala newtrali.

4.3.3. *Effetti tal-konglomerat*

(16) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni ffukat fuq jekk it-Tranżazzjoni tistax iżżid b'mod sinifikanti s-setgħa ta' negozjar tal-Entità Fuża fil-konfront tal-bejjiegħa bl-imnut, b'mod li jammonta għal impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva, meta wieħed iqis (i) is-saħħa fis-suq tal-Partijiet f'kategoriji ta' prodotti individwali, (ii) il-kapaċità tal-Entità Fuża li torbot in-negozjati bejn il-kategoriji ta' prodotti, u (iii) il-grad sa fejn l-Entità Fuża tista' ssarraf is-saħħa fis-suq f'kategoriji individwali f'setgħa ta' negozjar fil-portafoll kollu tal-prodotti tagħha abbażi ta' negozjati konnessi.

(17) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kkonfermat li t-Tranżazzjoni ma timpedixxix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fiż-ŻEE, jew f'xi parti sostanzjali minnha bħala riżultat tal-effetti ta' konglomerat.

(18) L-ewwel nett, l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni pprovdiet aktar indikazzjonijiet li kemm Mars kif ukoll Kellanova għandhom saħħa fis-suq f'diversi kategoriji ta' prodotti individwali f'10 pajjiżi fiż-ŻEE. Madankollu, għall-finijiet tad-deċiżjoni, ma kienx meħtieġ li tintlaħaq konklużjoni dwar il-kwistjoni tas-saħħa fis-suq peress li, irrispettivament minn jekk il-Partijiet instabux li kellhom saħħa fis-suq f'kategoriji ta' prodotti individwali, il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni ma żiditx b'mod sinifikanti s-setgħa ta' negozjar tal-Entità Fuża wara t-Tranżazzjoni.

(19) It-tieni, l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni kkonfermat li Mars għandha l-kapaċità (u l-Entità Fuża se tkompli bil-kapaċità tagħha) li torbot in-negozjati bejn il-kategoriji ta' prodotti. L-investigazzjoni żvelat li fl-imgħoddi Mars effettivament ingranat il-portafoll tagħha biex tikseb termini u kundizzjonijiet aħjar, anki meta n-negozjati nbdew fuq bażi ta' prodott bi prodott. Minkejja dan, l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni wriet li xi bejjiegħa bl-imnut jorbtu wkoll l-eżitu tan-negozjati tagħhom ma' Mars fil-kategoriji tal-prodotti kollha u/jew xi drabi jistgħu jirreżistu lil Mars matul in-negozjati.

(20) It-tielet, biex tifhem il-grad sa fejn l-Entità Fuża tista' tittraduċi s-saħħa fis-suq f'kategoriji individwali f'saħħa ta' negozjar fil-portafoll kollu tal-prodotti tagħha abbażi ta' negozjati marbuta, il-Kummissjoni eżaminat diversi parametri biex tivvaluta l-impatt probabbli fuq il-bejjiegħa bl-imnut jekk il-portafoll tal-Entità Fuża ma jkunx disponibbli. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni qieset (i) jekk il-konsumaturi jinvolvux ruħhom f'punt uniku ta' xiri, (ii) il-punt sa fejn il-konsumaturi ta' Mars u Kellanova huma sovrapposti, (iii) il-karatteristiċi tal-prodotti ta' Kellanova li għandhom jiżdiedu mal-portafoll ta' Mars, (iv) il-livell ta' lealtà li l-konsumaturi juru lejn il-marki tal-Partijiet, jiġifieri, kemm tkun kbira l-possibbiltà li l-konsumaturi jaqilbu għal bejjiegħ bl-imnut ieħor jekk il-prodotti tal-Partijiet ma jkunux disponibbli fis-supermarket primarju tagħhom, u (v) jekk, fil-każ li l-konsumaturi jaqilbu għal bejjiegħ bl-imnut ieħor, jeħdux magħhom it-trolley tax-xiri kollu tagħhom (jew porzjon sinifikanti minnu).

(21) Filwaqt li l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni appoġġat li jeżisti punt uniku ta' xiri (jiġifieri, li l-konsumaturi jikkonċentraw il-biċċa l-kbira tax-xiri ta' kull ġimgħa tagħhom f'supermarket wieħed), kif ukoll li jeżisti porzjon sinifikanti ta' konsumaturi li regolarment jixtru mill-inqas prodott wieħed kemm mingħand Mars kif ukoll mingħand Kellanova, l-elementi l-oħra investigati mill-Kummissjoni ma pprovdewx appoġġ qawwi li t-Tranżazzjoni x'aktarx iżżid b'mod sinifikanti s-setgħa ta' negozjar tal-Entità Fuża fil-konfront tal-bejjiegħa bl-imnut b'mod li jirriżulta f'impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva.

(22) L-ewwel nett, f'termini tal-karatteristiċi tal-prodotti ta' Kellanova li għandhom jiżdiedu mal-portafoll ta' Mars, l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni wriet li l-Pringles (i) tipikament jinxtraw b'mod mhux frekwenti fuq bażi ta' impuls, (ii) huma disponibbli permezz ta' diversi kanali ta' bejgħ, u (iii) jiffaċċjaw kompetizzjoni kemm minn tikketta privata kif ukoll bħala atturi attivi fis-suq usa' tal-crisps/ikliet ħfief. Fir-rigward ta' Kellogg's (u d-diversi sottomarki tagħha) il-Kummissjoni tinnota li (i) il-bejgħ taċ-ċereali b'mod ġenerali qed jonqos, (ii) Kellogg's tilfet il-bejgħ għal alternattivi ta' tikketti privati, u (iii) il-konsumaturi jixtru ċ-ċereali biss b'mod mhux frekwenti. Barra minn hekk, kemm Pringles kif ukoll Kellogg's għandhom ħajja twila tal-prodott fuq l-ixkaffa, jiġifieri ma hemmx għalfejn jinxtraw kull ġimgħa. Minħabba dawn il-karatteristiċi, huwa improbabbli li l-Pringles ta' Kellanova u ta' Kellogg's jagħtu lill-Entità Fuża aktar saħħa ta' negozjar.

(23) It-tieni, filwaqt li xi evidenza disponibbli tappoġġa l-fatt li l-konsumaturi jkunu leali lejn (xi whud mill-) marki tal-Partijiet sal-punt li jaqilbu għal bejjiegħ bl-imnut ieħor jekk dawn ma jkunux disponibbli fis-supermarket primarju tagħhom (minflok ma jaqilbu għal prodott alternattiv), l-investigazzjoni tal-Fażi II tal-Kummissjoni stabbiliet li, meta jitqies il-bilanċ, l-evidenza disponibbli ma turix li porzjon sinifikanti ta' konsumaturi x'aktarx li jaqilbu għal bejjiegħ bl-imnut ieħor jekk il-prodotti tal-Partijiet ma jkunux disponibbli fis-supermarket primarju tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li huwa inqas probabbli li porzjon sinifikanti ta' konsumaturi jaqilbu biss jekk il-prodotti kemm ta' Mars kif ukoll ta' Kellanova jkunu neqsin, milli konsumaturi li ma jeqilbux jekk il-prodotti minn waħda mill-partijiet biss ikunu neqsin. Barra minn hekk, id-dokumenti interni tal-Partijiet juru li f'okkażjonijiet tal-imgħoddi li matulhom il-prodotti tal-Partijiet ma kinux disponibbli għand bejjiegħ bl-imnut partikolari, kemm il-Partijiet infushom kif ukoll il-bejjiegħa bl-imnut sofrew minn telf ta' bejgħ.

(24) It-tielet, il-Kummissjoni ma sabitx appoġġ għal "effett ta' trolley tax-xiri", jiġifieri, li l-konsumaturi jaqilbu t-trolley tax-xiri kollu tagħhom (jew porzjon sinifikanti tiegħu) għal bejjiegħ bl-imnut ieħor jekk il-prodotti tal-Entità Fuża ma jkunux disponibbli fis-supermarket primarju tagħhom. Għalhekk, l-evidenza ma wrietx li l-bejjiegħa bl-imnut x'aktarx jiffaċċjaw telf ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-Partijiet, jekk il-prodotti tal-Partijiet ma jkunux disponibbli fil-ħwienet tagħhom.

5. **KONKLUŻJONI**

(25) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, id-deċiżjoni kkonkludiet li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'xi parti sostanzjali minnu.

(26) Konsegwentement, il-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE, f'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.